**<u>Tribunal Industrijali</u>**

**Decizjoni Numru 2645**

**<u>Kaz Numru: 3131/13/AM</u>**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Reuben Friggieri (ID 168279M)**

**u**

**Impact Real Estate Limited (C 49759)**

**F (Advertising) Limited (C 27689)**

**Owners Best Investments Limited (C 47895) li b'decizjoni preliminari numru 2270 datata 7 ta' Frar, 2014, is-socjetajiet intimati F(Advertising) Limited u Owners Best Investments Limited gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Illum il-Gimgha 17 ta' Jannar, 2020**

**<u>Chairperson: Dr. Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Reuben Friggieri li permezz tieghu ppremetta u talab dan li gej:

Li huwa kien impjegat bhala Property Negotiator fuq bazi indefinit whole time mas-socjetajiet intimati mill-1 ta' Settembru, 2011, sal-25 ta' Frar, 2013; li kellu salarju ta' tmien mija tlieta u hamsin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€853.74) fix-xahar apparti bonuses skont il-ligi; li huwa kien ukoll intitolat ghall-kummissjoni ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-kummissjoni dovuta lis-socjetajiet intimati fuq servizzi ta' senserija rezi minnu stess fuq il-bejgh ta' propjeta''; li bis-sahha tieghu nbiegh il-fond li jinsab numru 1 Mapre Court li jinsab Triq il-Fikus gewwa H'Attard u s-socjetajiet intimati kienu obligati jhallsu l-ammont ta' elf sitt mija tnejn u hamsin ewro (€1652) lilu liema somma ghadha ma thallsitx; li fil-25 ta' Frar, 2013, is-socjetajiet intimati keccewh mill-impjieg tieghu; li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma kienx validu ai terminu tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk talab lil dan it-Tribunal sabiex:

Jillikwida favur ir-rikorrent dik is-somma xierqa u adegwata skont il-ligi u ekwivalenti ghall-ammont ta' elf sitt mija tnejn u hamsin ewro (€1652) rapprezentanti dritt ta' senserija fuq il-bejgh tal-fond numru 1, Maple Court, Triq il-Fikus, H'Attard; jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mis-socjetajiet intimati kienet minghajr kawza gusta u sussegwentement joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta nkluz il-kumpens gust; jordna lis-socjetajiet intimati sabiex ihallsu lir-rikorrrent dik is-somma li tigi likwidata u dikjarata bhala dovuta lir-rikorrent.

Fir-risposta taghha is-socjetajiet intimat eccepew dan li gej:

Li s-socjetajiet F (Advertising) Limited u Owners Best Investments Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in vista tal-fatt li l-impjieg tar-rikorrent kien gie terminat mis-socjeta' Impact Real Estate Limited u kwindi f'dan il-kumment rilevanti ghal kaz odjern ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-istess rikorrent u z-zewg socjetajiet l-ohra msemmija; li fit-tieni lok jigi eccepit inoltre li l-ewwel talba ntavolata mir-rikorrent ma taqax taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk l-istess Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghha; li t-tieni u t-tielet talba mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu michuda in vista tal-fatt li l-impjieg in kwistjoni kien gie terminat ghall-kawza gusta kif ser jirrizulta ahjar mill-gbir tal-provi.

Ra l-affidavit ta' **Vince Baldacchino** li huwa pprezenta bhala Direttur tal-kumpaniji li maghhom kien impjegat ir-rikorrent, fejn spjega li Reuben Friggieri kien impjegat ma' Impact Real Estate f'Settembru 2011 wara li huwa kien ghamel zmien ma' Cassar and Cooper u li skond hu kien spicca ghax bdew ibiddlu xi Managers u dan affetwalu l-performance tieghu fil-bejgh. Baldacchino jghid li huwa tah il-lokalitajiet li ssugeriexxa Friggieri izda r-rizultati kienu ftit wisq u l-kumpanija ma setghetx tibqa' taghtih pagi ghal xejn. Friggieri ammetta li anke ghalih mhux 'worth it' joqghod ghall-paga biss. Huwa tah l-ghazla bhala ma jaghti lil kulhadd li tispicca l-paga fissa fix-xahar u l-hlas isir kollu mall-performance. L-impjegati l-ohra kollha gew self-employed. Wara ftit zmien Friggieri rega' kellmu u talbu jmur jahdem f'ufficju iehor ma' kumpanija ohra li taghmel l-istess xoghol u li huwa Direttur. Xi sitt snin qabel huwa kien diga' jahdem f'din il-kumpanija u ghalkemm ir-rizultati dak iz-zmien kienu tajbin xorta ddecieda li jitlaq lill-kumpanija habta u sabta. Xorta izda baqa' ma ghamel xejn u f'kull staff meeting kien ikun dejjem negattiv u jghid li x-xoghol spicca u dan kien ta' detriment ghall-impjegati l-ohra. Huwa wissiegh biex dan id-diskors jaqtghu u saqsieh jekk kienx mieghu ghall-paga. Friggieri rega' talbu jmur jahdem mall-Impact Real Estate u huwa accetta peress li qallu li ghandu kundizzjoni medika u verament xtaq jghinnu izda meta rega' mar lura mall-Impact huwa mar aktar lura milli il-quddiem u t-tort beda jdawru fuq il-kumpanija u fuq il-haddiema shabu kif kien ghamel ma' Cassar and Cooper. Minhabba dan l-agir tieghu lejn il-kumpanija u lejn shabu huwa ma kellux ghazla ohra ghajr li jittermina l-impjieg tieghu u dan ghamlu permezz ta' email.

A fol 75 xehed viva voce l-istess **Vince Baldacchino** rega' rrepeta tista' tghid dak li huwa ddikjara fl-affidavit tieghu u spjega ghaliex Friggieri ma lahaqx it-targets tieghu. Huwa xehed li Friggieri beda f'Settembru 2011 u l-ewwel propjeta'' li biegh kien f'Novembru u li

kemm dam jahdem mall-Impact huwa biegh erba' (4) propjetajiet f'temp ta' sena u nofs meta suppost on average wiehed ibiegh tmintax (18) il propjeta''. Huwa kien bil-paga. Baldacchino spjega li Friggieri qallu li mhux ibiegh minhabba li fl-area ta' San Giljan u tas-Sliema m'ghadhiex tinbiegh aktar propjeta'' u n-nies hemmhekk jikru biss iridu u talbu jmur jahdem n-naha centrali fl-ufficju tal-Impact fin-Naxxar u hekk sar. Kemm dam hemmhekk huwa biegh zewg (2) propjetajiet. Huwa kien ghamel tlett xhur u wara rega' dahlu minn Ottubru 2012 sa Frar 2013 u f'hames xhur biegh propjeta' wahda. Huwa pprezenta dokument li juri l-performance tieghu Dok VBO1 a fol 72 et li huwa rendikont tal-propjeta' li biegh ir-rikorrent.

In kontro-ezami fol 265 et Baldacchino xehed li r-rikorrent beda l-impjieg l-iehor f'settembru 2012 izda d-data ma jiftakariex ezatt. Huwa dam jahdem xi sena u nofs u f'dan il-perjodu saru tlett kuntratti ta' bejgh. Propjeta' minnhom fi Triq Monsinjur De Piro Hamrun l-Impact kellha commission ta' €894, ohra ta' Xmiexi l-Imsida commission kienet ta' €10,757 u ohra li qieghda Maple Court Triq il-Fikus H'Attard ta' €8260 kollha vat inkluz. Huwa ntalab jiccekkja liema kuntratti saru u liema konvenji waqghu. Huwa spjega li t-target li kellu r-rikorrent kienu ta' bejgh ta' propjeta' wahda fix-xahar.

A fol 294 et Vince Baldacchino pprezenta dokument li juri l-bejgh ta' propjeta' li l-kumpanija kellha mil-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Gunju 2012 u spjega li dawk immarkati bl-ahmar huma konvenji li l-kuntratt taghhom ma sehhx, u waqghu u dawk highlighted bl-orangjo huma s-sales li saru tar-rikorrent li jammontaw ghal erbgha (4). Dawn kollha saru mis-socjeta' Impact li dak iz-zmien kellha tmien (8) negotiators. Ir-rikorrent biss kien impjegat u s-sebgha (7) l-ohra kienu self-employed ghax saru self-employed mill-1 t'Ottubru peress li spicca milli jkunu employed fl-ahhar ta' Settembru. Mistoqsi kif stabilixxa li l-kwota ta' bejgh tar-rikorrent kellha tkun ta' propjeta' wahda kull xahar, huwa spjega li dan jiddependi mil-lokalita' fejn n-negotiator ihossu komdu jahdem. Meta riferut l-email tieghu li baghat lir-rikorrent fis-26 ta' Frar 2013 fejn infurmah li minn dak li kitiblu 'you have nothing positive left in you to be able to reach at least the pass mark of twenty thousand (20,000) by end of June', Baldachino spejga li 20,000 hija hafna inqas minn bejgh wiehed kull xahar. It-targets kienu jkunu ghal kulhadd l-istess ghal dawk li ghandhom esperjenza f'dan il-qasam. Huwa jaqbel li l-email li fiha nforma lir-rikorrent li kien tkecca kienet datata 26 ta' Frar 2013.

Baldacchino spjega li l-lista ta' domandi li baghat lil kull negotiator kienu kollha l-istess u r-risposta tar-rikorrent li rcieva qabel ma huwa keccih kienet il-feedback tieghu fosthom li "The company is not providing us with enough positive attitude to reach our targets".

A fol 368 l-istess xhud Baldacchino saritlu referenza ghal Dok VB (b) fol 323 et u ntalab jispjega kemm min-nies imsemmija f'din l-lista ghadhom jahdmu mieghu. Huwa spjega li l-qliegh tal-kumpanija jsir hekk: il-gross commission taqta' 20% ghan-negotiator u li jifdal jitnaqqsu l-ispejjez kollha tal-kumpanija u jibqa' n-net tal-kumpanija. Oltre dan hemm 55 ghall-inspection igifieri n-negotiator jiehu 25% oltre l-vat.

A fol 329 et kompla l-kontro-ezami ta' Vince Baldacchino esebixxa s-sales li saru fis-snin 2011, 12 u 13. Li lista minnhom hija ta' Owners Best fil-perjodu li r-rikorrent hadem mall-Owners Best minn Settembru 2011 sa Frar 2013 u l-lista l-ohra hija ghall-perjodu li r-

rikorrent hadem mall-Impact. Huwa qabel li l-average sales per month for period worked ta' David Galea, Bernice Abela u Clint Falzon kien ta' 0.29, 0.25 u 0.25 rispettivament u li dawn ma gewx imkeccija minkejja li r-rikorrrent kellu 0.33 average sales. Dawn telqu minn jeddhom ghax kienu self-employed. Huwa spjega li jdahhal ghaxart elef minn kull propjeta' li jbiegh jekk huwa jaghmel ghaxar sale hu jdahhal miljun minn dan il-bejgh.

Ra l-employment history sheet tar-rikorrent prezentat mill-**Korporazzjoni Xoghol u Tahrig** illum Jobsplus (fol 27 et).

Ra l-FS 3 tar-rikorrent ghas-snin 2013 u 2013 fol 32 et li hemm dikjarat li mill-1 ta' Jannar 2013 sal-25 ta' Frar 2013 r-rikorrent dahhal 2328 gross u mil-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Gunju 2012 huwa dahhal €5838 gross.

Ra x-xhieda ta' **Rimona Mifsud** (fol 40 et) impjegata mall-F Advertising bhala Accounts Clerk.

Ra **s-sentenza preliminari** ta' dan it-Tribunal diversament presedut tas-7 ta' Frar 2014 ( fol 65 et) li premezz taghha ddecieda billi laqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet intimati u ddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' l-ewwel talba tar-rikorrent u laqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni u llibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjetajiet intimati F (Advertising) Limited jew Owners Best Investment Limited salvi u impregudikati d-drittijiet tar-rikorrent si et quatenus.

Ra a fol 97 et x-xhieda **Claudio Calleja** li jahdem bhala Property Negotiator mall-F (Advertising) u ilu f'dan ix-xoghol ghal kwazi disa' (9) snin u spjega li l-kumpanija jkollha targets u li kull bejgh li taghmel ikollok l-punti u li fl-ahhar ta' quarter kienu johorgu t-target sales. Huwa jammetti li kienu jsiru staff meetings regolari u Vince Baldacchino u r-rikorrent kienu jkunu prezenti.

In kontro-ezami fol 278 et Calleja xehed li huwa kien jahdem ma' F (Advertising) u mhux ta' Impact Real Estate u ma jafx x'kienu t-targets li kellu r-rikorrent ma' Impact Real Estate Limited. Huwa spjega li F Advertising hija estate agency ukoll izda biegh l-propjeta' bhala advertising company.

Ra fol 109 et x-xhieda ta' **Ivan Camilleri** li jahdem bhala Property Consultant mall-Impact Real Estate u ilu xi erba' snin u nofs jahdem hemm. Huwa spjega li jkollhom quarterly targets kull tlett xhur. Li staff meetings kienu jkunu kull gimghatejn u gieli kull gimgha. It-targets kienu li trid taghmel zewg sales fix-xahar. Fil-bidu kellhom paga ta' seba mitt ewro (€700) plus commission ta' 20% fuq is-sales izda imbaghad din tnehhiet u baqghu bil-commission ta' 20% fuq is-sales biss. Huma bdew ukoll jithallsu hamsin ewro (50) ta' kull inspection li jaghmlu u li kif taqbez tnax-il inspection tithallas €70 ghal kull wahda. Huwa jghid li kien hemm zmien meta kien jaghmel elfejn ewro (€2000) fix-xahar fuq inspections biss. Izda mbaghad din is-sistema waqfet u regghu kif kienu qabel cioe bis-salarju.

In kontro-ezami fol 348 et Camilleri spjega li huwa dam jahdem mall-Impact Real Estate sa Awwissu 2010 sa' Ottubru sa Novembru 2015 u li f'dak il-perjodu huwa ghamel aktar minn

ghaxar kuntratti ta' bejgh izda anqas minn ghoxrin. Huwa ma telaqx minn mall-kumpanija bi glied izda telaq biex mar ma ' kumpanija ohra fejn ghadu hemm sal-lum. Huwa kien self-employed ma' Baldacchino, t-targets ta' kull xahar kien jiddiskutihom ma' Baldacchino u lilu Baldacchino qatt ma mponielu.

Ra a fol 122 et d-dokumenti esebiti mir-rikorrent u x-xhieda tieghu fol 176et li permezz taghha spjega li l-esperjenza li ghandu f'dan il-qasam ta' Property Negotiator u kif kien kellem lil Vince Baldacchino u accetta li jibda jahdem mieghu. Kien hu li ried jahdem fuq l-area ta' Tas-Sliema peress li kellu erba' (4) snin esperjenza f'dawk l-areas. Huwa beda jahdem mieghu minn Settembru 2011 u kellu paga u 20% commission. Meetings kien ikollhom kull gimgha u wara tlett gimghat darba minnhom Baldacchino ried ikellmu qabel l-meeting u fil-prezenza ta' huh Edward qallu li ha jbiddel l-istrategija. Huwa qallu jew tkun bla paga bhal impjegati l-ohra kollha minn nhar it-Tnejn jew jekk trid tibqa' bil-paga din tkun paga gdida ta' hamsin ewro (50) ghal kull inspection li ddahlu. Friggieri qallu li minhabba l-commitments li ghandu xtaq jibqa' bil-paga u anke Baldacchino qabel li jibqa' bil-paga. Huwa jghid fl-ewwel tlett (3) xhur tas-sena l-performance tieghu kienet tajba hafna u kien wiehed minn tal-ewwel li lahaq l-aktar targets u kien lahaq 28,000 u pprezenta kopja tal-konvenji u tal-kuntratti kollha u commission sheets. Huwa spjega li fl-area ta' tas-Sliema l-marketing tal-kumpanija tal-Impact kien imhallat mall-Owners Best li ma kienx jilhaq klijentela li suppost biex jigu b'dawk il-budget f'dik l-area u meta kellem lil Baldacchino huwa qallu li ghandu l-marketing tieghu u jonqos hafna flus. Huwa jghid li Baldacchino kien aktar jikkoncentra fuq Central bhala riklami. Wara baghtu l-Owners Best izda Terrence li kellu jahdem mieghu ma rahx b'ghajn tajba. Izda fuq tas-Sliema baqa' ma biegh xejn u Baldacchino qallu biex jerga' jibda mall-Impact u jibqa' bil-paga. Huwa prezenta l-istatements tal-bank biex juri li kellu €800 paga fix-xahar. Baldacchino nforma lil kulhadd li l-business kien sejjer hazin hafna u talbhom jibghatulu suggerimenti kif jistghu jimpruvjaw. Huwa hekk ghamel u l-ghada filghodu meta dahal ghax-xoghol Baldacchino nfurmah permezz ta' email li kien tkecca. Huwa esebixxa wkoll magazine li juri Impact Real Estate reklami fuq l-area ta' Tas-Sliema u San Giljan, Swieqi ma kienetx taghmel. Huwa prezenta dokument li juri li jbaghti minn Cron Disease u li meta qal lil Baldacchino dwar dan huwa kien jghidlu 'it is all in the mind'.

Huwa spjega li meta tkecca f'Jannar minn hmistax-il persuna zewg sales kull ma saru.

In kontro-ezami fol 199 et, ir-rikorrent spjega li kemm dam jahdem mall-Impact huwa biegh erba' propjetajiet u mhux sitta ghax tnejn minnhom il-konvenji waqghu. Izda huwa jghid li x-xoghol taghhom jasal sal-konvenju u li sebgha konvenji kien hemm mhux sitta. Huwa jaqbel li l-commission lill-Estate Agent tithallas mall-kuntratt u mhux mall-konvenju. Huwa jichad li commission minn dawn l-erba' kuntratti tlahhaq ghal €24,000 u mhux €28,000 u dan ghax Baldacchino fil-karta li ghaddielhom kien hemm li huwa ghamel €28,000 commission. Dawn saru f'sena u nofs meta saru l-kuntratti. Huwa kien telaq minn mall-Owners Best ghax ma kienux kuntenti bih u kien hu li telaq u nforma b'dan lil Vince Baldacchino b'telefonata u ma regax mar u Baldacchino accetta. Meta muri email li huwa kien baghat lil Vince Baldacchino huwa spjega li fiha kien qallu li kien jghaddilu xerrejja prospettivi li jkunu ga xtraw.

Ir-rikorrent jammetti li huwa shareholder f'kumpanija li tiehu hsieb management ta' letting u mhux bejgh izda a fol 213 meta mistoqsi fuq invoices li kienet tohrog din il-kumpanija huwa jghid li dawn kienu ta' bejgh u li l-kumpanija taghmel real estate in generali.

A fol 195 et r-rikorrent pprezenta x-xhieda ta' Lara Borg u ta' Joseph Calleja li nghatat fil-kawza numru 106/204 NHV quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Ra a fol 240 et x-dhieda ta' **Lara Vella** li fahhret lir-rikorrent ghas-servizzi tieghu meta hija giet biex tbiegh l-propjeta' taghha ghan-nom tal-Impact.

Ra fol 254 x-xhieda ta' Joseph Calleja li spjega li r-rikorrent kien urih xi hamsin (50) post differenti qabel ma huwa ddecieda li jixtri dak ta' Lara Vella.

Ra d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar talba numru 10/14DMA fl-ismijiet Reuben Friggieri vs Impact Real Estate Limited li permezz taghha t-Tribunal ordna li r-rikorrent jithallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin ewro (€652) bhala senserija, ammont ridott minn dak originarjament mitlub , stante li ma kienx prezenti ghal kuntratt finali.

Ra t-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet.

Ikkunsidra t-talbiet rimanenti tar-rikorrent jirrigwardaw terminazzjoni ta' mpjieg minghajr kawza gusta; u f'kaz li din it-talba tigi milqugha huwa jinghata kumpens u l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Impact Real Estate Limited biss stante li z-zewg socjetajiet intimati l-ohra gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited (Appell Inf 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:

'Ovvjament kull kaz irid jigi deiz skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Hi kwistjoni ta' fatt: i. jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta hazina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta ghandiex taghti lok ghat-tkeccija. Sabiex jasal ghal decizjoni f'dan is-sens ovvjament it-Tribunal irid iqies ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari li jkun qieghed jiddeciedi u li jirrizultaw mill-provi.

*Illi "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issa ghal dak li jirrigwardja 'raguni tajba u sufficjenti' li trid il-ligi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg ghal raguni gusta, dan it-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghal dak ritenut mill-Qorti tal-kassazzjoni Taljana (24 ta' Gunju 2000 numru 8631) "per stabilire in concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carettere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fati addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensita dell'elemento intenzionale dall'altro , la proporzionalita fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivament espulsiva.".

Ikkonsidra li mill-provi jirrizulta li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' Impact Real Estate Limited fuq bazi full-time; li ebda kuntratt ta' xoghol ma jirrizulta li sar bejn il-partiiet u li ghalhekk ma jistghax jinghad li huwa gie mkecci minhabba li ma lahaqx it-targets mitluba kif ppruvat tiggustifika lilha nnifisha s-socjeta' konvenuta fil-mori ta' dawn il-proceduri mentri fl-email tas-26 ta' Frar 2013 l-gustifikazzjoni li nghatat minn Vince Baldacchino lir-rikorrent kienet li huwa kien negattiv u li b'din l-attitudni huwa ma setghax jilhaq it-target ta' 20,000 ewro sal-ahhar ta' Gunju. Illi jinghad ukoll li jirrizulta li tali decizjoni Baldacchino hadha wara li r-rikorrent kif kien mitlub baghat email fil-25 ta' Frar 2013 jghid xi jhoss li ghandu jsir biex it-targets jintlahqu u ghaliex mhux qed jintlahqu. Ebda tentattiv ma sar da parti tal-Principal sabiex jiddiskutu l-problemi li kien hemm sabiex jintlahqu t-targets izda huwa qabad u qallu biex ma jersaqx aktar lejn il-post tax-xoghol. Inoltre, mid-dokumenti esebiti jirrizulta li r-rikorrent ghal perjodu mis-6 ta' Settembru 2011 sa' Frar 2013 huwa kellu average sales ghal kull xahar ta' 0.33 u kien hemm min kien ahjar u minn kellu target sales aghar minn tieghu izda huwa biss jahdem bhala full-timer ghax l-ohrajn kienu self-employed ghaldaqstant dan ma jistghax jinghad li kienet raguni gusta ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent u ghalhekk is-socjeta' ntimata ma ghandhiex ragun meta tghid li hija kellha raguni gusta biex taghmel dan.

Dwar il-kumpens dovut, jinghad li skond ir-records tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig illum Jobsplus huwa kien impjegat bhala full-time Real Estate Agent (fol 31) mas-socjeta' Impact Real Estate u dan ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Gunju 2012. Fl-1 ta' Marzu 2013 skond l-istess employment history sheet juri li r-rikorrent beda jahdem full-time bl-istess tip ta' xoghol mas-socjeta' RF International Limited. L-email a fol 169 datata 26 ta' Frar 2013 turi li x-xoghol gie terminat lilu dakinhar (u mhux fil-25 ta' Frar 2013 kif jikkontendi r-rikorrent fir-rikors promotur tieghu). Ma jirrizultax mill-atti li r-rikorrent ghamel xi tentattiv sabiex l-employment history sheet tieghu tigi korreguta ghalkemm il-partijiet jabqlu li meta gie terminat l-impjieg tieghu fis-26 ta' Frar 2013 huwa kien jahdem full-time u dan mas-socjeta' Impact Real Estate Limited.

Illi għalhekk ir-rikorrent dam bla xogħol biss mil-25 ta' Frar 2013 sal-aħħar ta' Frar 2013 stante li mill-1 ta' Marzu 2013 huwa beda jaħdem ma' ħaddieħor full-time.  Ebda prova ma ġab ir-rikorrent dwar jekk kellux anqas paga fl-impjieg il-ġdid tiegħu.

Dan it-Tribunal wara li ħa konjizzjoni ta' dan kollu u tal-artikolu 82(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta  u tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ Ellul fosthom Borg Carmel vs Malta Public Transport Services (Operations) Ltd deċiża 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Limited deċiża minn l-istess fit-23 ta' April 2018, fejn ġie stabbilit li:

Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Artikolu 81(2) Kapitolu 452 it-Tribunal għandu diskrezzjoni u trid tkun proporzjonata jew raġonevoli;

Li l-arbitriju tat-Tribunal għandu jkun wieħed boni viri bażat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus paterfamilias li jimplika ġudizzju li jżomm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha u rikonċiljat mall-eżerċizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal fl-ambitu tal-Artikolu 81(2) tal-kapitolu 452; li  l-indikaturi msemmija fl-imsemmi artikolu ma humiex eżawrjenti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jinkludu l-konkorrenza ta' dik il-gravożita maġġuri anke morali konsegwita minn impjegat inġustament sfiduċjat minn min iħaddmu; li l-liġi tagħna ma timponi ebda limitu ta' kumpens iżda toffri biss il-kriterji ta' kif għandu jitkejjel dan il-kumpens; li mill-artikolu 81(2) tal-Kap 452 huwa evidenti li l-kumpens li qegħda tikkontempla l-liġi huma danni kemm reali u futuri b'konsegwenza tad-deċiżjoni ħażina li ħa l-prinċipal.

Illi għalhekk mill-atti jirriżulta li  r-rikorrent dam biss bla paga għal tlett ijiem biss cioe mis-26  ta' Frar 2013 sal-aħħar  cioe sat-28 ta' Frar 2013, stante li mil-FS3 tiegħu a fol 32 jirriżulta li sal-25 ta' Frar 2013, hemm imniżżel huwa irċieva s-somma ta' 2328 ewro gross għall-perjodu mil-11 ta' Jannar 2013 sal-25 ta' Frar 2013 għalkemm prova ta' dan jew ilment mir-rikorrent qatt ma sar.  Jirriżulta biss minn fol 164 mill-bank statements tiegħu jirriżulta li huwa rċieva salarju ta' Jannar 2013 biss fl-ammont ta' €842.16c.  Illi ma saritx ebda prova li huwa sofra xi danni oħra għajr telf ta' paga.

Illi għalhekk l-uniku mod kif jiġi ffissat il-kumens hu arbitrio boni viri in vista ta' provi mhux ċari u għalhekk meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha dan it-Tribunal qed jillikwida s-somma ta' tmien mitt ewro (€800) meħud in konsiderazzjoni li r-rikorrent tħallas sal-aħħar ta' Jannar, u li sab xogħol alternattiv ftit jiem wara li tkeċċa cioe fl-1 ta' Marzu 2013.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeċiedi dwar l-aħħar żewġ talbiet tar-rikorrent (stante li l-ewwel talba ġiet diġa' deċiża), u jilqa' t-tieni talba fir-rigward tas-soċjeta' Impact Real Estate Limited biss u jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda ngusta u jilqa' t-tielet talba u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lir-rikorrent is-somma ta' tmien mitt ewro (€800) bl-imgħax mil-lum.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qiegħed jistabilixxi d-drittijiet tar-rappreżentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c għal kull rappreżentant legali.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dott. Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**